# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Helena Georgina Consiglia Calleja**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Uffiċjal tal-Probation Sharlet Fabri datat 8 ta' Ġunju 2016 li bihom għamlet denunzja ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fejn premettiet li wara li kienet għamlet denunzja oħra preċedenti fil-konfront tal-istess **Helena Georgina Consiglia Calleja** **(**probationee) in segwitu għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif presjeduta il-probationee naqset milli toqgħod għad-direttivi mogħtija lilha mill-istess Uffiċjal tal-Probation sabiex hija tindirizza u tieqaf mill-vizzju tad-droga. L-istess Uffiċjal tenniet li l-probationee ma kienetx baqgħet iżżomm l-appuntamenti tagħha u ma setgħetx tibqa' tagħmel superviżjoni skont kif ordnat.

Rat is-sentenza mogħtija minnha stess fejn nhar l-10 ta' Diċembru 2013 din l-istess Qorti fuq l-imputazzjonijiet segwenti : -

"Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 30 ta` Settembru, 2013;

L-imputati gew akkuzati talli fi Triq Nazju Ellul, Gzira;

1. Nhar l-20 ta` Awwissu, 2013, ghall-habta ta` 11:00 ta` filghaxija minn go vettura ta` ghamla Mitsubishi Lancer bin-numru ta` registrazzjoni FBB515 flimkien bil-hsieb li jaghmlu delitt wrew dan il-hsieb b`atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun reat ta` serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta` Carmel Vella, u/jew ta` xi persuna/i u/jew xi entita` u/jew entitajiet ohra, u aktar;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament ghamlu hsara, jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamlu hsara fuq il-bieba ta` vettura Mitsubishi Lancer bin-numru ta` registrazzjoni FBB 515 ghad-detriment ta` Carmel Vella u/jew persuna/i ohra liema hsara hija izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

U aktar lil Matthew Abela wahdu akkuzat:

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi zamm u garr arma li taqta u bil-ponta minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija."

kienet għamlitha ċara li :

Illi mhix sejra toqghod lura milli tirrimarka li mill-informazzjoni migbura minghand ix-xhieda hawn fuq imsemmija jidher bic-car li l-motivazzjoni sabiex l-imputati jaghmlu programm ghar-rijabilitazzjoni b'mod volontarju hija wahda alkwantu fjakka

u dghajfa. Biss din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz, ghandha taqbel mas-suggeriment tad-difiza kif ukoll sekondat mill-Prosekuzzjoni li l-imputati ghadhom fi stat fejn jistghu jibbenefikaw enormement minn programm ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Pero l-Qorti temmen bis-shih li l-aktar li jibbenefika minn tali programm, dment li jintemm b'success huwa l-Istat Malti li jkun jista jara li zewgt cittadini fi hdanu jkunu mxew il-quddiem u qalbu l-folja f'hajjithom li permezz taghha jibdew pagna gdida minghajr ma jinkorru f'aktar vizzji u kriminalita li tali vizzji jgibu maghhom. Dan huwa l-messagg li trid twassal din il-Qorti f'dan il-kaz. Din il-Qorti temmen bis-shih li dan jista jsehh f'dan il-kaz u ghal din ir-raguni mhux indikat li l-imputati jinghataw piena karcerarja ghar-reati li wetqu f'dan il-kaz izda qeghda taghti lil imputati cans iehor, bit-tama li din id-darba jiehdu din il-"window of opportunity" li din il-Qorti qed tikkoncedilhom bis-serjeta.

**<u>Decide : -</u>**

**A. <u>Kwantu ghall-hatja Helena Georgina Consiglia Calleja</u>**

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 17(h), 31, 261(b)(f)(g), 263(a), 264(1), 265, 270, 271(g), 278(1)(3) tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) fuq l-ammissjoni taghha stess, qeghda ssib lill-Helena Georgina Consiglia Calleja hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u peress li hija tal-fehma li fic-cirkostanzi jissussistu l-elementi rikjesti mill-Ligi, ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qeghda tpoggi lill-hatja Helena Georgina Consiglia Calleja taht Ordni ta' *Probation* ghal perjodu ta' tliet (3) snin millum kif ukoll qeghda tqieghda taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili nonche sabiex teghleb il-vizzju tal-abbuz mid-droga, b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tahtar lid-Direttur tal-Programm Oasi sabiex jaghmel dawk l-ezamijiet kollha mehtiega fuq il-hatja Helena Georgina Consiglia Calleja nonche jippreskrivi dawk it-trattamenti u/jew kura u/jew programmi kollha li jkunu mehtiega biex Helena Georgina Consiglia Calleja teghleb b'success il-vizzju ta' dipendenza u l-abbuz mid-droga, liema ordnijiet huma soggetti ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-digrieti moghtija illum stess u annessi ma din is-sentenza u li jifformaw parti integrali minnha.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, il-Qorti fissret lill- Helena Georgina Consiglia Calleja bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u trattament kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'kaz li tonqos milli tikkonforma ruhha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li taghmel reat iehor tul it-terminu

tal-ordni ta' probation, tista tinghata sentenza ghar-reati li taghhom tinstab hatja b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'kaz ta' nuqqas t'adezjoni mat-termini tal-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation u trattament moghti bid-Digrieti ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' Helena Georgina Consiglia Calleja, kif ukoll li jigu notifikati lid-Direttur tal-Programm Oasi sabiex ikun jista jibda jwettaq l-ordni tal-Qorti minnufih.

L-Ufficjal tal-*Probation* assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-imsemmija Helena Georgina Consiglia Calleja kull sitt (6) xhur.

Semgħet id-deposizzjonijiet mogħtija mill-Uffiċjal tal-Probation Sharlet Tabone Fabri u rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat : -***

L-ordni tal-probation fil-konfront ta' Matthew Abela jippreskrivi s-segwenti : -

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, **Helena Georgina Consiglia Calleja** giet misjuba hatja kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' *Probation* u giet mpoggija taht Ordni ta' *Probation* ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-hatja bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' *Probation* (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446) u illi jekk tonqos li thares din l-Ordni jew taghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' tliet snin millum, tkun tista tigi kkundannata ghar-reat li ghalih qieghed tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hatja wriet li trid thares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*;

Ghalhekk **tordna** li l-hatja **Helena Georgina Consiglia Calleja** li toqghod 32, Triq il-Ballut, San Giljan, detentrici tal-karta tal-identita' numru 406796(M) ikun ghal perjodu ta' tliet snin millum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal ta' *Probation* taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' *probation*, il-hatja ghandha ggib ruhha tajjeb, toqghod ghad-direttivi kollha tal-*Probation* Officer u zzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficcjal tal-*probation* mahtur lilha.

2. L-Ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hatja kull sitt xhur.

3. Il-hatja ghandha tavza immedjatament lill-Ufficcjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali taghha.

4. Li ghandha zomm ruhha f'kuntatt mal-ufficjal tal-*Probation* skont id-direttivi li jaghtiha minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-*Probation*; u partikolarment li hija ghandha, jekk l-Ufficjal tal-*Probation* ikun hekk irid, tircievi zjarat tal-istess Ufficjal tal-*Probation*.

5. Li **Helena Georgina Consiglia Calleja** ghandha toqghod ghal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Ufficjal tal-Probation intizi li jghinu lill- **Helena Georgina Consiglia Calleja** biex ma tergax tirrepeti r-reati jew tikkommetti reati ohra u sabiex tirrijabilita ruhha mill-vizzju tad-dipendenza u l-abbuz mid-droga.

6. **Helena Georgina Consiglia Calleja** ghandha tissottometti ruhha ghal "urine test" jew kwalunkwe test iehor li l-Ufficjal tal-Probation ihoss li huwa mehtieg sabiex jigi verifikat jekk **Helena Georgina Consiglia Calleja** tkunx abbuzat minn xi droga almenu darba fil-gimgha liema test ghandu jsir minghajr preavviz u ghall-gharrieda.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hatja u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-*Probation Services* ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mix-xiehda tal-Uffiċjal tal-Probation Sharlet Fabri din il-Qorti rat li l-probationee naqset milli tosserva skrupolożament l-ordni tal-probation. Il-Qorti ikkonċedietilha diversi opportunitajiet oħra pendenti l-eżitu ta' din l-ordni ta' probation, iżda jew għal raġuni jew għal oħra hija naqset milli tottempera ruħha u toqgħod skrupolożament mat-termini tal-ordni tal-probation.

Il-Qorti għażlet li tagħti ftit aktar żmien lil probationee sabiex tara jekk forsi fil-mori tad-differiment kienetx sejra tkun motivata sabiex issegwi l-ordni tal-probation. Għalhekk il-Qorti żammet diversi seduti iżda minn dak li semgħet u rat din il-Qorti huwa bil-wisq evidenti li f'dan l-istadju dak li l-probationee kienet qiegħda tagħmel kien aktar tipprova tevita l-ħabs aktar milli turi motivazzjoni serja biex toqgħod il-bogħod mill-abbuż mid-droga.

*Ikkunsidrat : -*

Illi kif (in suċċint) intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża ***Il-Pulizija vs Jeffrey Cassar*** fis-6 ta' Diċembru 2012 kif muri bil-provi aktar il-fuq, bħalma solitament tagħmel din il-Qorti, wara li semgħet lill-Uffiċjal tal-Probation, hija iddifferiet id-denunzja sabiex ikun hemm il-possibilita li l-probationee turi jekk verament kienetx disposta li ssegwi l-ordni tal-probation. Biss sfortunatament jirriżulta li din il-motivazzjoni kienet alkwantu assenti. Jirriżulta li l-probationee wriet biċ-ċar li ma kienetx verament interessata jew kapaċi minn jeddha, fuq medda ta' żmien biżżejjed li tilqa' l-għajnuna siewja biex tagħraf taffaċċja l-problemi tagħha u dan fl-interess tagħha stess u dik tas-soċjeta'. Ma jistax ikun li l-Qorti tagħti opportunita lil persuna sabiex tbiddel trieqitha u minflok taħtaf din l-opportunita tipprova tevita r-responsabbiltajiet tagħha. In-nuqqasijiet tal-probationee iridu jitqiesu bħala nuqqasijiet serji għax minħabba dawk in-nuqqasijiet ma ħallietx l-ordni tal-probation tieħu l-perkors naturali tagħha.

Għalhekk issa trid taffaċċja r-riguri tal-Liġi u din il-Qorti ma jibqgħalhiex triq oħra għajr li tittratta magħha mill-ġdid għar-reati hawn fuq imsemmija kif jipprovdi l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Bħal dik il-Qorti hawn fuq imsemmija, din il-Qorti tħoss li l-istess għandu japplika f'dan il-każ preżenti.

# ***DECIDE : -***

Li ġie ppruvat għas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti li l-probationee naqset milli tħares xi ħtieġa tas-sanzjoni fil-komunita komminata lilha u fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ m'għandhiex triq oħra salv li tittratta mal-probationee għar-reati li dwarhom kienet saret is-sanzjoni komunitarja b'kull mod kif il-qorti tista' tittratta lill-ħatja li kieku għadha kemm ġiet dikjarata minn din il-Qorti hatja għar-reati li tagħhom diġa instabet ħatja. U għalhekk filwaqt li qegħda ssib li hija naqset milli tosserva l-ordni tal-probation mogħtija lilha kif hawn fuq imsemmi, titratta magħha billi wara li rat l-Artikoli 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 17(h), 31, 41(1)(a), 261(b)(f)(g), 263(a), 264(1), 265, 270, 271(g), 278(1)(3) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) il-Qorti qegħda tikkonferma lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tagħha b'riferenza għall-ewwel u t-tieni imputazzjoni u tikkundannaha għall-piena ta' **<u>tnax il-xahar priġunerija</u>**.

**Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi lill-imputata b'dik l-għajnuna kollha meħtieġa sabiex waqt li tkun qegħda residenti fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin hija tegħleb il-vizzju mill-abbuż tad-droga u għal dan il-għan għalhekk jikkonsidra li l-ħatja titqiegħed għal dawk il-programmi ta'**

**rijabilitazzjoni meħtieġa u f'dawk il-postijiet idoneji biex jgħinuha tegħleb dan il-vizzju.**

**Mogħtija illum 11 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***